MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Numru 967/2009

Spetturi Yvonne Farrugia u Malcolm Bond
vs
Alfred Mallia

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta numru ta’ identita’ 396053(m) akkuzat talli:
1. fl-24 ta’ Awissu 2009 f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta u xjentement b’kull mod li jkun indahal buiex ibiegh jew imexxi xor b li jammonta ghal aktar minn euro 2329.37 – liema xorb kien gej minn frodi ghad-detriment ta’ Joseph Ellul Sullivan f’isem il-kumpanija Aquatess Marketing Limited.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat l-atti tal-kompilazzjoni lil-din il-Qorti sabiex

tiddecidi dwar il-htija jew altrimenti tal-imputat in bazi ghall-artikoli tal-ligi minnu citati;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-provi huma tali li univokament juru li fl-24 ta' Awissu 2009 l-imputat xtara partita ta' birra 'Hieneken', 'Dabb' u ilma 'Aqua Azzurra' li gew offruti lilu bi prezz li l-imputat dehrlu kien attrajenti u vantagguz ghalih. Hu difatti negozzjant jbiegh bl-imnut - fi kliemu 'soft drinks u birrer lill-hwienet u ftit djar'.
Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputat hu akkuzat ta' ricettazzjoni stante l-allegata provenjenza frawdolenti tal-merkanzija li l-imputat kien xtara.
In rigward din il-merkanzija l-provi in atti juru li x-xerrej taghha kien akkwistha minghand is-socjeta' 'Aquatess' billi kien spacca ruhhu bhala 'barman' tal-Kazin tal-Banda tal-Ghargur.
Issa, il-fatt tax-xiri 'per se' anke bi prezz vantaggjuz u attrajenti ma jikkostitwix ebda reat. Hija l-konsapevolezza tal-provenjenza illecita, li fiha l-prezz jista' ikun fattur importanti, li hija sancita u punibbli kriminalment.
Fil-kaz tal-imputat pruvat il-provenjenza illecita tal-oggett in meritu u x-xiri tieghu minnu l-konvicju tieghu ghar-ricettazzjoni skond l-imputazzjoni jistrieh fuq il-'mens' ossija l-element intenzjonali li jirrekjedi li r-ricettatur (l-imputat) kien jaf jew mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz messu ragjoevolment kien jaf li l-oggett li kien ser jakkwista u li difatti akkwista kien gej minn provenjenza kriminuza.
Dan huwa il-pern tal-kawza fuq x'hiex ghandu jistrieh l-ezitu dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat. Xehdet il-persuna tenuta responsabbli tal-att frawdolenti, li l-kaz taghha hu 'res gudikata', izda xehed ukoll l-imputat. Minn din ix-xhieda tieghu jemergi li mill-bidu donnu nibet suspett fih. Jghid li staqsa 'ghal darba darbtejn' jekk l-oggett kienx sewwa u eventwalmet serrah rasu fuq l-assigurazzjoni li nathat  u hallas 3500 euro ghal kollox.

Kompla stqarr li xi jumejn wara gew il-pulizija, qalulu li l-merkanzija kienet misruqa u sekwestrawilu (kif jirrisulta folio 28). Jghid li hemmhekk kienet l-ewwel darba li sar jaf li l-merkanzija kienet misruqa. Mix-xhieda tieghu jirrisulta li l-birra Heineken kien jixtriha minghand Grech – jixtri bl-ingrossa u ibiegha bl-imnut - u l-persuna li minghandha kien xtara l-partita in kwistjoni qatt qabel ma kien isuplih. Kienet l-ewwel darba li kien xtara minghandu u ricevuti ma kienx intwera.

Fuq din ix-xhieda l-Qorti nislet fiha konvinciment morali li fic-cirkustanzi l-imputat setgha jew adirittura messu ragjonevolment induna li kien hemm jew setgha kien hemm xi haga mhux flokkha fil-merkanzija. Izda minflokk ghazel li jghalaq ghanjeh, jiehu s-sogru u jixtriha b'telf patrimonjali ghalih.

Mill-provi hu car li l-pulizija waslet ghall-identifikazzjoni tal-imputat wara rapport u investigazzjoni kondotta minnhom b'daqstant li fil-fehma taghha ma tarax kif jista' japplika l-proviso tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 favur l-imputat.

Issibu ghalhekk hati tal-imputazjoni migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 334 citat. Qieset l-attenwanti generici. Fic-cirkustanzi tikkonsidra li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat il-konsegwenzi ta' din is-sentenza u r-responsabitajiet tieghu.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------